# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

SETTEMBRU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 31

# IR-REBĦA TAS-SENA 1565
# U R-REBĦA TAL-ILSIEN MALTI

Minn sena għal sena jiġi Settembru jfakkarna fir-Rebħa l-Kbira tal-Maltin, u mat-tifkira għażiża jqanqal f'qalbna taħbit ta' mħabba ħierqa u jislet minnha kliem tal-ogħla foħrija għal dawk il-qalbenin li b'demmhom żejjnu 'l Artna bl-isbaħ ġieh. Mhux Malti min jibqa' biered f'dawn il-jiem għeżież; mhux ħuna min ma jagħrafx u ma jistqarrx li minnhom kisbet Malta l-aqwa ġieh u kobor tagħha. Magħqudin il-koll għaqda waħda nħalltu leħinna f'daqqa ħelwa, f'għanja ta' tifħir li toħroġ minn qalbna, sħuna daqs id-demm li xerrdu, safja daqs imħabbithom, qawwija daqs il-qawwa ta' driegħhom. Iżda jekk il-kotra l-kbira tfaħħar il-dawk il-Maltin qalbiena għax bil-ħeġġa tagħhom żammew sħiħ id-Din nisrani, aħna rridu nfaħħruhom għax ir-rebħa kienet mhux biss rebħa tar-Reliġjon imma wkoll rebħa tal-lsien Malti.

L-aqwa ġibda li ħassew il-Maltin biex jiġru għal fuq is-swar u jitqabdu mal-għadu kienet l-imħabba tagħhom lejn id-Din ta' Kristu. Kienu jafu huma li t-Torok l-eħrex egħdewwa tal-insara. Jekk Malta taqa' f'idejhom, kien igħib minn fuqha d-dawl tas-Salib. Imma s-Salib li waqqaf San Pawl fostna, kien imwaħħal ġo qalbna, u biex jinqered, kellha l-ewwel tinqered qalbna u ħajjitna. Għal-

hekk il-Maltin tqabdu, biex iżommu wieqaf f'nofshom is-Salib ta' Kristu, xemx li qatt ma tikfes, ħajja li qatt ma tonqos.

Iżda r-rebħa tal-Maltin tfisser ukoll rebħa tal-lsien Malti. X'kien ikun mill-Maltin kieku ntrebħu mit-Torok? Mijiet kienu mietu fit-taqbida, dawk li baqgħu ħajjin kienu joqtluhom jew jeħduhom irsiera. Jekk xi ftit kienu jeħilsu mill-mewt għax xjuħ jew morda jew mifluġin, kienu jistgħu weħidhom, qalb ġens ieħor, iżommu ħajj lsienhom? Kienu jgħibu minn artna d-drawwiet tagħna, t-twemmin tagħna, il-lsien tagħna, u jidħlu fiha drawwiet oħra, twemmin ieħor, lsien ieħor. Kien jinqered il-Malti u miegħu tinqered xhieda ħajja ta' ġrajja qodma li għad-dew minn fuq Malta u ħallew atarhom fi lsienna. U meta mbagħad wara dawra ta' snin Malta kienet terġa' taqa' f'idejn oħra u teħles għal kollox mill-Misilmin, ġens ieħor u lsien ieħor kien jidħol fiha. U Malta kienet tibqa' isem biss, art bla ħajja, art li ma jkollha xejn tagħha.

Tqabdu u rebħu l-Maltin. Tqabdu għad-Din Nisrani u rebħu, u magħhom rebaħ il-lsien Malti. Żewġ rebħiet marbutin f'rebħa waħda, r-rebħa ta' kull ma kien jagħżel 'l Malta minn ġnus oħra u jagħmilha kbira u sabiħa f'għajnejn id-dinja kollha.

U biex it-tifħir tagħna ma jkunx tifħir fieragħ, fil-jum li niltaqgħu biex nagħmlu tifkira tar-Rebħa l-Kbira, naħilfu l-koll għalenija fuq l-għadam tal-Maltin rebbieħa li ħajjitna kollha tkun, bħal tagħhom, taqbida ħarxa u qalila, bla hedu u bla ħniena, mal-egħdewwa tad-Din ta' Kristu u tal-Ilsien Malti.